**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Lulju, 2021**

**Talba Nru: 389/2019PM1**

**Victor Farrugia (ID 182261(M))**

**V.**

**Joshua Pirotta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' tlett elef, tmin mija u tletin euro (€3830) rapprezentanti danni allegatament sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' xoghol hazin imwettaq mill-konvenut, liema xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti u mhux tal-kwalita` patwita.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 29 ta' Jannar, 2020 permezz ta' liema l-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata legalment u fattwalment u kwindi ghandha tigi respinta ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-art. 2153 Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Ix-xoghol ezegwit mill-attur (sic) sar skont kif titlob is-sengha u l-arti.
3. L-allegata hsara giet kawzata se mai per konsegwenza tal-agir negligenti tal-istess attur li ghabba l-madum b’piz zejjed mhux mahsub ghal dak l-iskop.
4. B’rizerva li jittressqu risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

   Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-konvenut datata 28 ta’ Settembru, 2020 b’anness maghha l-affidavit tieghu u diversi dokumenti.

Sema’ x-xhieda tal-partijiet waqt is-seduta tad-9 ta’ Dicembru, 2020.

Ra n-nota tal-attur datata 11 ta’ Dicembru, 2020 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema’ t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduti tal-15 ta’ Jannar, 2021 u tat-22 ta’ Jannar, 2021.

Ra s-sentenza *in parte* datata 25 ta’ Jannar, 2021 li permezz taghha dan it-Tribunal iddecieda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-art. 2153 tal-**Kodici Civili** billi cahad l-istess bl-ispejjez relattivi ghal tali eccezzjoni jigu sopportati mill-istess konvenut u ordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.

Ra n-nota datat 19 t’April, 2021 b’anness maghha l-affidavit tal-attur.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Tancred Mifsud u tal-attur waqt is-seduta tal-24 ta’ Mejju, 2021.

Sema’ x-xhieda tal-attur u ra d-dokumenti ezebiti minnu u sema’ x-xhieda tal-Perit Tancred Mifsud in kontro-ezami waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2021.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2021.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-istess seduta.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi tenut kont tal-fatt li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut tinsab diga` deciza permezz tas-sentenza datata 25 ta' Jannar, 2021, jifdal biss li jigi determinati u decizi l-eccezzjonijiet fil-mertu kif sollevati mill-istess konvenut senjatament illi x-xoghol ezegwit mill-konvenut sar skont kif titlob is-sengha u l-arti u li l-allegata hsara giet kawzati *se mai* per konsegwenza tal-agir negligenti tal-istess attur li ghabba l-madum b'piz zejjed mhux mahsub ghal dak l-iskop.

Illi huwa car li l-kwistjoni centrali hija l-kawza tal-hsara riskontrata mill-attur. Filwaqt li l-attur jikkontendi li din kienet rizultat ta' xoghol hazin imwettaq mill-konvenut, il-konvenut jikkontendi li din kienet rizultata tal-fatt li l-attur ghabba l-art tal-garaxx tieghu b'vetturi tqal hafna u li kwindi ix-xoghol imwettaq minnu kien wiehed tajjeb.

Illi, tenut kont tan-natura teknika tal-kwistjoni surreferita, it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax l-unika rizultanza teknika koncernanti l-kawza tal-hsara lamentata mill-attur prezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, senjatament ir-rapport tal-perit tekniku Tancred Mifsud inkarigat mill-attur. F'dan ir-rigward tali rapport huwa wiehed car filli jikkonkludi s-segwenti:

> "*The cause of the damage is bad workmanship of the laying of the tiles, since the foundations supporting the tiles consist of a reinforced concrete slab with C503 steel mesh.*
>
> *The bad workmanship consists of a lack of provision of adequate cement mortar bedding below the tiles, as required in accordance with good trade/workmanship*"

It-Tribunal isib li l-konvenut ma ressaq ebda prova, wisq anqas prova teknika, li tista' b'xi mod tikkontadici dak konklussivament determinat mill-Perit Mifsud. Tali posizzjoni fil-fatt baqghet tinzamm mill-istess Perit kemm meta xehed in ezami :

> "*Li gara kien illi l-madum inqala' kompletament minn mal-base tieghu. Fil-fatt tqammar 'il fuq. Nghid illi jiena irrizultali li din il-hsara kienet bhala rizultat tal-fatt lilli f'dan il-kaz partikolari lanqas ma kien intuza adhesive li hija dik il-kolla li titqieghed taht il-madum qabel jitwahhal.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2021)

U anke in kontro-ezami:

> "(J)*iena stajt niddetermina li dan il-madum ma kienx twahhal skont l-arti u s-sengha u fil-fatt ahna nghidu li dan il-madum ikun maqtugh u cioe` ma jkunx twahhal kif suppost.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2021)

Illi, kif inghad, da parti tieghu il-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova teknika intiza sabiex tikkontradici s-surreferit. Min-naha l-ohra ghazel li jistrieh fuq l-argument li l-hsara kienet rizultat tal-piz tal-vetturi li l-attur idahhal fil-garaxx tieghu. It-Tribunal pero` jsib li tali argument ma jistax isib fundament logiku fil-hsara riskontrata mill-Perit tal-attur. Kif jirrizulta car kemm mir-rapport tekniku (Dok. TM a fol. 4 tal-process) imma wkoll mix-xhieda tal-istess Perit Mifsud, in-natura tal-hsara hija tali li l-kawza taghha ma tistax tinsab fil-piz li jigi mqieghed fuq il-madum u dana ghaliex il-problema tinsab mhux fl-uzu li qed isir tal-garaxx imma proprju fil-mod illi bih tali madum jinsab imwahhal, kif imfisser mill-istess Perit. Fi kliem iehor, irrizulta car li l-fatt li madum kien qed jinkiser meta jitqieghed piz fuqu kien mhux ir-rizultat tal-piz imma bensi` tal-mod hazin illi bih gie imwahhal. *Se mai* tali tkissir bil-piz tal-vetturi kien proprju r-rizultat jew l-effett tax-xoghol hazin imwettaq mill-konvenut u kwindi certament mhux il-kawza tal-hsara. Il-Perit Mifsud ikkonferma li tali xoghol hazin seta' jigi riskontrat mhux biss fil-madum imqieghed mal-art imma wkoll f'dak il-madum li kien gie imwahhal mal-hajt b'tali mod li anke dawn irrizultaw mhux imwahhlin kif suppost meta gew iccekjati minkejja li ma kellhomx hsara ohra vizibbli.

Illi ghandu jigi kkunsidrat ukoll li, waqt ix-xhieda tieghu, il-konvenut sab diffikulta` sabiex jiggustifika l-bonta` tax-xoghol prestat minnu meta huwa stess sahaq li l-madum utilizzat huwa sufficjenti sabiex jiflah piz minimu u mbaghad ukoll li tali madum kien wiehed li s-soltu jehel mal-hitan (imma li hu kjarament utilizza wkoll sabiex ikopri l-art):

> "*Qed issirli referenza mit-Tribunal ghal dicitura fejn skont din il-kategorija dan il-madum huwa tajjeb ghal hitan u nikkonferma li dan hekk kien f'dan il-kas.* (…) *Kont naf li dan il-post kien ser jintuza bhala garaxx u li ha jkun hemm il-vetturi fih. Meta jiena kellimt lill-attur hu nfurmani li ried tip ta' madum biex ikun jista jdahhal karozzi fih ghal garaxx. Nghid li jiena lil Farrugia ma staqsejtux x'tip ta' vetturi ser jidhlu fil-garaxx.* (…) ***<u>Naqbel ma' dak li qed jigi suggerit lili li dan il-madum huwa t-tip ta' madum li mhux tajjeb biex jitqieghed mal-art fil-fatt jintuza ghall-banjijiet. Lanqas ma ghidt lil Farrugia li dan il-madum ma kienx tajjeb sabiex jitqieghed mal-art, nghid li fil-fatt jiena din il-haga lanqas kont iccekjajtha.</u>***" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2021 – enfazi mizjuda)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Darmanin v. Agius**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, intqal hekk in propositu tar-responsabbilita` tal-appaltatur li jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li jigu minn dak ix-xoghol imwettaq hazin jew li jistghu 'l quddiem jipprezentaw ruhhom:-

> "*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485). "It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik lezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx*

*ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pl p667) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija millkommittent.*"

Illi huwa allura car li skont ix-xhieda tal-istess konvenut huwa qajla seta' jiggarantixxa l-bonta` tal-prestazzjoni lavorattiva tieghu jekk huwa stess *ex admissis* skopra biss wara li tali madum, dejjem skont l-argument tieghu, ma kienx wiehed idoneju ghax-xoghol prestat minnu. Huwa car li xoghol skont l-arti u s-sengha kien jezigi li accertamenti ta' dan it-tip isiru qabel ma jsir ix-xoghol u mhux wara, meta jibdew johorgu d-difetti.

Illi dwar il-kwistjoni l-ohra koncernanti jekk huwiex bizzejjed li jigi mibdul biss il-madum miksur, it-Tribunal isib li l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni f'dan is-sens jew li permezz ta' liema ikkontesta l-ammont mitlub bhala wiehed eccessiv. Perdipiu`, anke f'dan ir-rigward il-Perit tal-attur kien car: "*Nghid li kieku kellhom jinbidlu biss it-tiles li kienu affetwati kienet ser tigi pastazata kbira.* (…) *Sar fl-elfejn u dsatax (2019). Patchwork b'madum differenti ghalija m'huwiex xoghol accettabbli.* (…) *Kull ordni jkollha batch number u allura kieku kien ser isir ordni ohra anke tal-istess madum din ikollha batch number differenti u jkun hemm differenzi anki ta' tonalita`*" (xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta datata 23 ta' Gunju, 2021). Anke hawn l-attur ma ressaq ebda prova teknika jew ta' xort'ohra li tista' b'xi mod tikkontradici tali xhieda.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenut jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' tlett elef, tmin mija u tletin euro (€3830) rapprezentanti danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' xoghol hazin imwettaq mill-konvenut bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-24 ta' Jannar, 2020 data li fiha l-konvenut gie notifikat bl-avviz odjern, kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**